Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 22 ta' Ġunju 2016**
**(OR. en)**

**9720/16**

**COPEN 185**
**EUROJUST 70**
**EJN 37**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Dott. Olivér Várhelyi, Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju/Rappreżentant Permanenti, Rappreżentanza Permanenti tal-Ungerija għall-Unjoni Ewropea |
| fi: | 1 ta' Ġunju 2016 |
| lil: | Is-Sinjura Christine Roger, Direttur Ġenerali, Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi<br>- Notifika speċjali magħmula mill-Ungerija |

Sinjura,

F'konformità mal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill imsemmija fis-suġġett, kull Stat Membru għandu jinforma liema awtorità jew awtoritajiet, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, huma kompetenti biex jaġixxu skont din id-Deċiżjoni Qafas fis-sitwazzjoni fejn dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' eżekuzzjoni.

Għandek issib mehmużin ma' din in-nota it-taqsimiet rilevanti tal-Att Nru CLXXX tal-2012 (dwar il-kooperazzjoni f'materji kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea) li jiddeterminaw liema huma l-awtoritajiet kompetenti fis-sitwazzjoni fejn l-Ungerija hija l-Istat ta' eżekuzzjoni. Fil-każ li l-Ungerija tkun l-Istat emittenti, il-qorti li tkun imponiet il-miżura jew is-sanzjoni alternattiva tkun intitolata tibgħat it-titolu li jista' jkun infurzat u ċ-ċertifikat lill-Istat ta' eżekuzzjoni.

(Formula ta' għeluq)

(f.) Olivér Várhelyi

---

**ANNESS**

L-Att CLXXX tal-2012 dwar il-kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea f'materji kriminali (Att tal-UE)

Taqsima 137

(4) Il-qorti distrettwali li topera fis-sede tal-qorti li hija kompetenti minħabba r-residenza jew ir-residenza abitwali tal-persuna kkundannata, u f'Budapest il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda (Budai Központi Kerületi Bíróság), għandhom jieħdu miżuri għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' Stat Membru li timponi sanzjoni alternattiva.

(5) Jekk il-persuna kkundannata ma jkollhiex ir-residenza jew ir-residenza abitwali tagħha fl-Ungerija u titlob li l-miżura ta' probation, is-servizz komunitarju, il-projbizzjoni milli tattendi avvenimenti sportivi jew l-azzjoni korrettiva msemmija f'dik id-deċiżjoni legalment vinkolanti tal-Istat Membru tiġi eżegwita mill-awtoritajiet Ungeriżi, u l-persuna turi li għandha qraba u rabtiet kulturali jew ekonomiċi mal-Ungerija, il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda għandha tiddeċiedi dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Istat Membru li timponi s-sanzjoni alternattiva, dment li d-deċiżjoni tal-Istat Membru, flimkien maċ-ċertifikat stipulat fl-Appendiċi 10, jintbagħtu lill-qorti bl-Ungeriż.